MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 909/2004

**Perit Carmel Zammit u martu Valerie ghal kull interess li jista’ jkollha, bin-numri tal-karta ta’ l-identita` rispettiva 295649 (M) u 811647 (M).**

**vs.**

**Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 25 ta’ Novembru 2004 a fol. 1 tal-process u pprezentata quddiem din il-Qorti diversament presejduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-attur Carmel Zammit kien impjegat ma’ l-Awtorita` konvenuta b’kuntratt ghal zmien defenit li sar b’effett mill-1

ta’ Novembru tas-sena 2002 u kellu jsehh ghal zmien tliet snin u allura sal-31 ta’ Ottubru tas-sena 2005;

Illi dan il-kuntratt ta’ impjieg kien itterminat mill-Awtorita` konvenuta minghajr raguni valida fil-ligi b’effett mill-4 ta’ Gunju tas-sena 2004.

Illi skond l-**artikolu 36 (11) ta’ l-Att XXII tal-2002,** il-principal, f’dan il-kaz odjern l-Awtorita` konvenuta, kellha thallas lill-impjegat, f’dan il-kaz l-attur, nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-attur dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem, allura mill-4 ta’ Gunju 2004 sa l-ahhar ta’ Ottubru 2005, ammontanti ghal sebat elef, tmien mija u sebgha u tletin Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (LM7,837.28), jew somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata;

Illi l-Awtorita` konvenuta kienet interpellata sabiex thallas dan l-ammont ta’ seba’ t’elef, tmien mija u sebgha u tletin Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm7,837.28), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti nofs il-paga li kienet tmiss lill-attur li kieku l-kuntratt tax-xoghol hawn fuq imsemmi ma giex unilateralment itterminat mill-Awtorita` konvenuta minghajr ebda raguni valida fil-ligi kif hawn fuq premess, anke permezz ta’ ittra ufficjali tad-29 ta’ Ottubru 2004, izda baqghet inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-Awtorita` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-Awtorita` konvenuta kisret il-kuntratt tax-xoghol definit bejn il-kontendenti datat l-1 ta’ Novembru 2002 in kwantu tterminat l-istess kuntratt qabel ma ghadda z-zmien kollu hemm stipulat, kif fuq premess.

2. Tillikwida, *ai termini* ta’ l-**artikolu 36 (11) ta’l-Att XXII tal-2002,** il-hlas dovut lill-attur fis-somma ta’ sebat elef, tmien mija u sebgha u tletin Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm7,837.28) jew somma ohra verjuri.

3. Tikkundanna lill-Awtorita` konvenuta thallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata *ai termini* tat-tieni talba hawn maghmula.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra uficjali tad-29 ta' Ottubru 2004 u bl-imghax mill-4 ta' Gunju 2004 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-Awtorita` konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi Carmel u Valerie konjugi Zammit a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa 9 tal-process;

Rat il-kuntratt datat l-1 ta' Novembru 2002 esebit bhala Dok. 'A' a fol. 5 tal-process u d-dokumenti "B" u "C" annessi mac-citazzjoni attrici.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh nhar it-30 ta' Novembru 2004 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tat-8 ta' Frar 2005.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-Awtorita` konvenuta datata 14 ta' Jannar 2005 a fol. 13 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi l-pretenzjonijiet ta' l-attur *et* huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda *stante* illi l-kuntratt li rregola l-ingagg tieghu kien aktar jirrassomilja *appointment* milli impjieg u dan billi l-attur zamm is-*substantive post* li kellu fis-servizz pubbliku tant illi meta spicca mill-ingagg mal-konvenuti mar lura fis-servizz pubbliku.

(2) Illi kien ikun inkoxxjenti da parti taghhom kieku l-konvenuti bhala amministraturi ta' fondi pubblici njoraw dak espost hawn fuq u qabdu u hallsu lill-atturi dak interpellati minnu.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-Awtorita` konvenuta a fol. 14 tal-process.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mit-8 ta' Frar 2005 sas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2005.

Rat in-nota ta' l-attur datata 18 ta' Mejju 2005 fejn esebixxa l-affidavit tieghu bhala Dok. "C2".

Rat ix-xhieda ta' Mario Ellul, *Human Resources Manager* ma' l-Awtorita` tat-Trasport tat-8 ta' Gunju 2005 u ta' l-attur tad-19 ta' Ottubru 2005 u d-dokumenti esebiti bhala Dok. "X1" sa Dok. "X 11".

Rat il-verbal tas-seduti quddiem din il-Qorti kif presjeduta mit-13 ta' Jannar 2006 sal-14 ta' Gunju 2006 fejn l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr.Josette Demicoli datat 16 ta' Marzu 2006 fejn sar biss verbal (fol.60).

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn fis-seduta ta' l-14 ta' Gunju 2006 wara li d-difensuri trattaw il-kaz il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2006.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur datata 27 ta' April 2006 u dik tal-konvenuti datata 15 ta' Mejju 2006.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attur Carmel Zammit jallega li kien impjegat ma’ l-Awtorita` konvenuta b’kuntratt ghal zmien defenit li sar b’effett mill-1 ta’ Novembru tas-sena 2002 u kellu jsehh ghal zmien tliet snin u allura sal-31 ta’ Ottubru tas-sena 2005 u li dan il-kuntratt ta’ impjieg kien itterminat mill-Awtorita` konvenuta minghajr raguni valida fil-ligi b’effett mill-4 ta’ Gunju tas-sena 2004; b’hekk skond l-**artikolu 36 (11) ta’ l-Att XXII tal-2002,** il-principal, f’dan il-kaz odjern l-Awtorita` konvenuta, kellha thallas lill-impjegat, f’dan il-kaz l-attur, nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-attur dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem, allura mill-4 ta’ Gunju 2004 sa l-ahhar ta Ottubru 2005, ammontanti ghal seba’ t’elef, tmien mija u sebgha u tletin Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm7,837.28), jew somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata; ghalhekk talab li din il-Qorti tiddikjara illi l-Awtorita` konvenuta kisret il-kuntratt tax-xoghol definit bejn il-kontendenti datat l-1 ta’ Novembru 2002 in kwantu tterminat l-istess kuntratt qabel ma ghadda z-zmien kollu hemm stipulat, kif fuq premess u tillikwida, *ai termini* ta’ l-**artikolu 36 (11) ta’ l-Att XXII tal-2002,** il-hlas dovut lill-attur fis-somma ta’ sebat elef, tmien mija u sebgha u tletin Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm7,837.28) jew somma ohra verjuri u fl-ahharnett tikkundanna lill-Awtorita` konvenuta thallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata *ai termini* tat-tieni talba hawn maghmula.

Illi x-xhieda ta’ l-attur fl-affidavit tieghu u *viva voce* tikkonferma dan kollu u fil-fatt ma hemm l-ebda dubju dwar kif graw il-fatti, tant li bhala tali lanqas biss huma kkontestati u sahansitra l-Awtorita’ konvenuta ma pproduciet l-ebda xhud, lanqas l-imsemmi Mario Falzon sabiex b’xi mod jikkontesta dan.

Illi fil-fatt l-unika kontestazzjoni hija dik li l-istess Awtorita’ konvenuta qed tghid li dan ma huwiex kuntratt ta’ servizz ghall-kuntratt definittiv li jaqa’ taht ir-regoli tal-**Kap 452** u dan abbazi tal-eccezzjonijiet minnha sollevati. Dan qed jinghad minkejja l-fatt li mix-xhieda ta’ Mario Ellul, *Human Resources Manager* ma’ l-istess Awtorita’ konvenuta f’dak iz-zmien li kien terminat il-kuntratt tal-konvenut ma’ l-istess Awtorita’, jidher li huwa nnifsu ddiskriva l-kuntratt

esebit bhala Dok. “A” mac-citazzjoni attrici bhala *“contract of service li kellu l-perit Zammit ta’ definite period”,* u wkoll ikkonferma l-ittra datata 4 ta’ Gunju 2004 – esebita mac-citazzjoni attrici bhala Dok. “C” u ffirmata minn Mario Falzon u ndirizzata u moghtija lill-attur, u l-istess xhud jghid li kien prezenti meta nghatat din l-ittra lill-attur, liema ittra tghid testwalment li:-

*“During the authority’s board meeting held on Thursday 3rd June 2004, the board discussed the confirmation of the directors heading the various directorates of the authority. After a lengthy discussion the board moved to resolve the immediate termination of your contract of assistant chief executive, heads of roads directorate. You are requested to report for duties to Mr. J. R. Grima OPM as from next Tuesday 8th June 2004”.*

Illi l-istess xhud ikkonferma li ghalkemm huwa ma kienx involut fid-decizjoni tat-terminazzjoni ta’ l-impjieg ma’ l-Awtorita’ konvenuta ta’ l-attur, huwa kien prezenti meta nghata l-istess ittra mic-*Chief Executive* Mario Falzon lill-attur, li skond l-istess xhud ta assikurazzjoni verbali lill-istess attur li kien ser jigi kkompensat f’dak kollu dovut lilu skond il-ligi u li dan kien ser jinghata lilu. Haga li l-attur qed jghid li ma saritx tant li saret din il-kawza.

Illi jirrizulta li l-attur kien qabel dan il-kuntratt impjegat mac-civil, u meta gie terminat lilu dan l-impjieg ma’ l-Awtorita` mertu tal-kawza odjerna huwa mar lura fis-servizz pubbliku, izda l-ETC gew informati b’dan tant li kien hemm ittra mill-*Employment Training Corporation* datata 5 ta’ Novembru 2004 li tghid li:-

*“I refer to your correspondence to the above mentioned in which it as stated that* <u>his termination of employment</u> (sottolinear tal-Qorti) *was with the Ministry for Transport and Communications. Please note that the said employee’s (ta’ l-attur) contract was not terminated fromt the Ministry but from the Malta Transport Authority”*

Illi ma hemm l-ebda dubju f’ghajnejn din il-Qorti li l-kuntratt datat l-1 ta’ Novembru 2002 intitolat *CONTRACT OF*

*SERVICE" "DEFINITIVE PERIOD)* huwa kuntratt bejn *employer* (principal – *Malta Transport Authority*) u impjegat (*employee* – Carmel Zammit) u huwa kuntratt ta' servizz ghall-perjodu definittiv bejn l-istess socjeta' konvenuta u l-istess attur, fejn l-istess attur kien gie impjegat bhala *Assistant Chief Executive Officer – Head of the Roads Directorate* mill-perjodu ta' l-1 ta' Novembru 2002 u l-istess kuntratt gie deskritt skond klawsola tnejn ta' l-istess hekk:-

*"2) This contract shall be of a definite specified duration* <u>according to law</u> (sottolinear tal-Qorti) *of three years and shall therefore expire on the 1st November 2005 unless extended in terms of the proviso hereunder stipulated".*

Illi fil-fatt skond klawsola 5 ta' l-istess kuntratt l-istess attur, bhala impjegat kien ipprojbit espressament li fil-perjodu ta' ingagg ma' l-istess Awtorita' ma setgha jaghmel l-ebda xoghol iehor, impjieg anke *part-time* jew jezercita xi negozju, okkupazzjoni, negozju jew attivita kummercjali ohra ma ebda entita' ohra hlief bil-permess bil-miktub ta' l-istess Awtorita'.

Illi ma hemm lanqas l-ebda dubju, li tenut kont ta' dan kollu, u tal-kondizzjonijiet kollha ta' l-istess kuntratt, li l-istess kuntratt kien jaqa' taht id-disposizzjonijiet ta' l-**Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali – Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta,** *stante* li l-istess kuntratt jaghmel riferenza ghall-istess, fejn fl-istess klawsola numru 2 ssir referenza addirittura ghall-**artikolu 33 ta' Att dwar ir-Relazzjoni Industrijali tal-1976 (Kap 266)** *"or an enactment, an amendment or replacement thereof"* in kwantu dan jirreferi ghall-punt ta' hemm indikat u fil-fatt il-**Kap 452 – Att XXII ta' l-2002, kif emendat bl-Atti IX ta' l-2003 u III ta' l-2004** huma l-atti legislattivi li emendaw jew ahjar issostitwew l-**Att dwar ir-Relazzjoni Industrijali.**

Illi hawn wiehed jaghmel riferenza ghar-regoli dwar interpretazzjoni tal-kuntratti u kif inghad fis-sentenzi **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. (RCP) 30 ta' Novembru 2000) u **"Emanuel Avallone vs Centru**

**Speranza fl-Inkapacitati”** (P.A. (RCP) 28 ta’ Frar 2002) huwa il-kaz li jigi ribadit li *“ghalhekk hawn japplika l-principju stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 12**, fejn meta il-kliem ta’ konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta’ interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista’ tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f’xi patt incidentali jew accessorju taghha”* **(“Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb” -** A. C. - 30 ta’ Marzu 1997).

Illi dan huwa wkoll konformi mal-principju *‘contra scriptum non est argumentum’,* li jibqa’ japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa minn xi element kostituttiv taghha, prova li ovvjament f’din l-kawza ma ngabitx u dan kif ikkonfermat fid-decizjoni**“Joseph Grech Sant nomine vs Avukat Dr. Riccardo Farrugia *et nomine*” -** A.C. 28 ta’ Frar 1997) li ghaliha qed issir riferenza.

Illi dawn il-principji gew konsistentament ribaditi mill-Qrati taghna, inkluza minn din il-Qorti kif presjeduta tant li fis-sentenzi **“Emmanuel Schembri et vs Leonard Ellul et”** (P.A. (RCP) 30 ta’ Ottubru 2000) u **“Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni”** (P.A. (RCP) 12 ta’ Lulju 2001) gie ri-affermat li *“huwa principju generali fl-interpretazzjoni tal-kuntratti dak stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 16** u cioe’ li meta “il-kliem ta’ konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu taz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta’ interpretazzjoni”.* Tal-istess portata hija s-sentenza **“Alfrida Borg vs Carmen Camilleri *et”*** (P.A. (RCP) 2 ta’ Ottubru 2001).

Illi bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li “*l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa’ dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta’ tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. “Pacta sunt servanda*”. (A.C. 5 ta’ Ottubru, 1998 – “**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines”**).

Illi l-istess sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tkompli tghid "*Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu*" **(Vol. XXXIV, P. III., p. 746).**

Illi dan kollu jirrizulta car mid-dicitura espressa ta' l-iskrittura indikata, izda mhux biss izda d-dokumenti kollha esebiti f'din il-kawza juru li b'effett mit-30 ta' Novembru 2002 sad-data tat-terminazzjoni ta' impjieg l-attur kien impjegat ma' l-Awtorita' konvenuta u dan inkluz mid-dokumenti immarkati bhala Dok. "X2" "X3" "X4" (FS3) "X5", "X6", u "X7" mahruga mill-istess Awtorita' konvenuta.

Illi mhux biss izda jinghad ukoll li qabel dan il-kuntratt l-attur kien impjegat bhala *Public Service Officer fir-Roads Department* meta dan kien ghadu parti mill-istruttura tac-Civili u dan huwa evidenzjat mid-Dok. "X1" li hija *payslip* relattiva. Mill-perjodu ta' wara t-terminazzjoni ta' impjieg ma' l-Awtorita' konvenuta l-istess konvenut gie indikat bhala impjegat tal-*Water Services Corporation"* kien hemm indikat fl-FS3 – markata bhala Dok. "X8", u dokumenti ohra mmarkati bhala Dok. "X9", "X10" . Mela allura qabel u wara dan il-kuntratt l-istess attur kellu mpjiegi differenti, liema mpjiegi lanqas huma mertu ta' din il-kawza li tikkoncerna biss l-kuntratt datat l-1 ta' Novembru 2002.

Illi dan kollu jikkonferma li bejn il-perjodu ta' l-1 ta' Novembru 2002 sad-data meta l-Awtorita' konvenuta tterminat l-impjeg ta' l-attur minn maghha b'ittra datata 4 ta' Gunju 2004, l-istess attur kien impjegat ta' l-istess Awtorita' u ma hemm l-ebda dubju li l-istess impjieg tieghu kien regolat in forza tal-kuntratt ta' servizz ghal perjodu definittiv datat l-1 ta' Novembru 2002 (Dok. "A"), u dan gie konfermat b'ittra ta' l-Onorevoli Ministru Censu Galea datata 12 ta' Dicembru 2002, fejn hemm gie indikat espressament li l-istess kuntratt kien ma' l-imsemmija Awtorita', bhal impjieg *full-time* u ghall-perjodu definitiv ta'

tlett (3) snin taht il-**Malta Transport Authority Act – Kap 332** - l-Att li jirregola l-Awtorita` .

Illi dan l-impjieg gie terminat biss permezz ta’ l-imsemmija ittra tal-4 ta’ Gunju 2004 (Dok. “C”) fejn jinghad li *“after lenghty discussions the board moved to resolve the immediate termination of your contract of Assistant Chief Executive, Head of the Roads Direcotorate……….”* u din taht il-firma ta’ Mario Falzon, *Chief Executive* ta’ l-Awtorita’ Dwar it-Transport Pubbliku, kollox kif jidher a fol. 9 tal-process.

Illi la darba dan kien kuntratt ta’ servizz ta’ impjieg ghal zmien definittiv, u la darba l-istess Awtorita’ bhala principal itterminat l-impjieg ta’ l-istess attur qabel iz-zmien hemm stipulat u miftiehem, u dan ghal ebda raguni valida fil-ligi (anke ghaliex raguni qatt ma nghatat mill-Awtorita’ konvenuta ghaliex is-servizz ta’ l-attur maghha gie hekk terminat hesrem) japplika l-**artikolu 36 (11) tal-Kap 452** li jipprovdi li:-

*“(11) Principal li jibghat ‘barra impjegat qabel ma jaghlaq iz-zmien specifikat f’kuntratt ta’ servizz, ikollu jhallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem”.*

Illi dan gie kkonfermat fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **“John L. Camilleri vs Thomas J. Galea et nomine”** (P.A. (FD) – 10 ta’ Mejju 2002) fejn inghad li:-

*“… l-kuntratt in kwistjoni kien ghal zmien definit. Biex tigi ggustifikata t-tkeccija sommarja skond Kap. 135 irid ikun hemm raguni tajba u sufficjenti. L-“abolizzjoni tal-post” mhux raguni gustifikanti ghal tkeccija sommarja u ghalhekk min ihaddem f’dan il-kaz ghandu jhallas nofs il-paga li kien jibbenefika minnha l-impjegat kieku baqa’ fl-ipjieg ghaz-zmien rimanenti tal-kuntratt”.*

Illi fis-sentenza **“Roland Schaffrath vs www. Travel TV p.l.c.”** (P.A. (JRM) – 28 ta’ Gunju 2001):-

*“Illi l-ligi tistabbilixxi li meta l-principal jibghat ‘il barra mix-xoghol impjegat qabel ma jkun ghalaq iz-zmien, il-principal ikun fid-dmir li jhallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li l-impjegat kien ikun imissu jithallas fil-bqija taz-zmien miftiehem”*

*“Illi l-ligi titkellem dwar “paga kollha” li ghandha tithallas lill-impjegat imkecci. It-tifsira tal-kelma ‘paga’ fl-artikolu 2 tal-Kap 135 m’hijiex esklussiva imma inklussiva, u ma hijiex limitata biss ghal dak id-dhul basiku li l-impjegat ikollu, izda tinkludi wkoll kull bonus li jkun jisthoqqlu jiricievi skond il-kondizzjonijiet espressi tal-ftehim tal-impjieg tieghu jew li huwa pagabbli bis-sahha tal-ligi”.*

Illi dan ifisser li l-istess attur huwa intitolat ghan-nofs il-paga ghall-bqija taz-zmien miftiehem bejn l-4 ta’ Ottubru 2004 u l-ahhar ta’ Ottubru 2005 u la darba il-paga bazika mensili tieghu kienet ta’ Lm979.66, u kien hemm sittax (16) il-xahar, u din is-somma tigi diviza b’nofs (1/2) din twassal ghas-somma ta’ seba’ t’elef, tmien mija, u sebgha u tlettin Lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm7,837.28) li huwa l-ammont mitlub fic-citazzjoni attrici u bhala komputazzjoni lanqas biss gie kkontestat mill-Awtorita’ konvenuta.

Illi dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenut din il-Qorti thoss li dawn huma kompletament bla bazi u infondati legalment u dan peress li ma hemm l-ebda dubju li l-kuntratt mertu tal-kawza odjerna huwa kuntratt ta’ servizz ta’ impjieg ghall-perjodu definittiv u l-kliem ta’ l-istess, kif inghad ma jhallu l-ebda lok ta’ interpretazzjoni. Mhux biss izda dak li qed tecceppixxi l-istess Awtorita’ konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha u *cjoe’* li din r-relazzjoni iktar tista’ tissejjah jew skond hija *“jirrassomilja appointment”* ma ghandha ebda fondament legali u hija bhala tali perikoluza fiha nnfisha; dan apparti li l-istess kuntratt, li huwa ligi bejn il-partijiet, assultament ma jaghmel l-ebda riferenza ghal din is-sottomissjoni ta’ l-Awtorita’ konvenuta, li din il-Qorti thoss li hija ghal kollox gratuwita u bla bazi, iktar u iktar meta wiehed jikkonsidra li l-istess Awtorita’ konvenuta mwaqqfa bl-**artikolu 7 ta’ l-Att IX tal-1989** hija *“enti morali b’personalita’ distinta”* . Mhux biss izda l-istess

kuntratt u wisq inqas il-ligi ma jaghmlu ebda distinzjoni fejn kienet tahdem persuna qabel ma tidhol f'kuntratt ta' impjieg ghall-zmien definittiv  bhal dak illum taht konsiderazzjoni; apparti dan u biss jekk relevanti minn imkien ma ma jidher li l-attur waqt l-ingagg tieghu ma' l-Awtorita' konvenuta zamm dak li giet indikata bhala *substantive post* fis-servizz pubbliku, anzi mid-dokumenti kollha hawn indikati jirrizulta ghall-kollox il-kuntrarju, u cjoe' li l-istess attur kien impjegat biss ma' l-Awtorita' konvenuta. *In verita'* ma setax ikun mod iehor meta l-istess kuntratt ta' l-1 ta' Novembru 2002 ipprojbih milli jkollu kwalunkwe xoghol iehor kien ma' minn kien u bla eccezzjoni ta' xejn, hlief bil-kunsens bil-miktub ta' l-istess Awtorita', permess li qatt ma intalab u qatt ma inghata. Dan kollu jaghmel l-ewwel eccezzjoni assolutament bla bazi kemm fattwali u wisq izjed legali.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni ma hemm l-ebda dubju li wiehed irid jaghti kaz tad-drittijiet ta' l-attur li fuq kollox gew negozjati fi ftehim ma' l-Awtorita' konvenuta bi skrittura privata li t-termini taghha kellhom u ghandhom jigu rispettati *stante* li jiffurmaw ligi bejn il-partijiet – mhux biss izda z-zewg partijiet, allura nkluz l-Awtorita' hija obbligata li hija bhal kull entita' ohra tosserva l-ligi u l-konsegwenza li l-impjieg ta' l-attur gie tterminat hesrem u bla spjegazzjoni mill-istess Awtorita' jaghti lok ghall-applikazzjoni tal-ligi u ta' l-**artikolu 36 (11) ta' l-Att XXII ta' l-2002 kif emendata – Kap 452** – u din il-konsiderazzjoni u dak indikat fl-istess tieni eccezzjoni kellha tittiehed mill-istess Awtorita' qabel ma hadhet l-azzjoni li hadet fil-konfront ta' l-attur, azzjoni li qatt ma spjegat lill-attur u lanqas f'din il-kawza, u ghalhekk l-ammont li hija responsabbli bil-ligi li thallas lill-attur, huwa biss rizultat ta' l-agir taghha – agir ta' l-istess Awtorita' li jaghti tali drittijiet lill-attur ghall-ksur *da parte* ta' l-Awtorita' nnfisha tal-kuntratt li hija kellha u dahlet fih ma' l-attur. Mill-bqija l-argumenti l-ohra kollha *da parte* ta' l-Awtorita' konvenuta kontenuti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha huma kompletament bla ebda fondament legali u fattwali u huma purament kongetturi u supposizzjonijiet fittizji, li ma ghandhom l-ebda post u bazi fil-ligi taghna.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-Awtorita' konvenuta peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-Awtorita` konvenuta kisret il-kuntratt tax-xoghol definit bejn il-kontendenti datat l-1 ta' Novembru 2002 in kwantu tterminat l-istess kuntratt qabel ma ghadda z-zmien kollu hemm stipulat, kif fuq premess.

2. Tillikwida, *ai termini* ta' l-**artikolu 36 (11) ta'l-Att XXII tal-2002,** il-hlas dovut lill-attur fis-somma seba' t'elef, tmien mija u sebgha u tletin Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm7,837.28).

3. Tikkundanna lill-Awtorita` konvenuta thallas lill-atturi dik is-somma li qed tigi hekk likwidata *ai termini* tat-tieni talba fis-somma ta' seba' t'elef, tmien mija u sebgha u tletin Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm7,837.28).

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru 2004 u bl-imghax legali mill-4 ta' Gunju 2004 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-Awtorita` konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------